**6 ta' Mejju, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Attard

*versus*

Avukat Ġenerali

**Riferenza – Lanjanza Frivola u Vessatorja**

*Appell minn Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li kienet iddikjarat bħala irritu u null ir-rikors għaliex il-lanjanza kienet diġà ġiet iddikjarata frivola u vessatorja mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rrijaffermat il-posizzjoni tagħha dwar ordni ta' riferenza kif elaborata fis-sentenza "Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija".*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ir-rikorrenti għamel talba biex jittieħed kampjun tad-demm ta' l-istess Alfred Attard, biex wara li jiġi eżaminat, jiġi stabbilit il-grupp tad-demm tiegħu. Dik il-Qorti rrifjutat it-talba b'digriet tat-**18 ta' Settembru, 1989**;

Fl-**14 ta' Frar, 1991**, quddiem l-istess Qorti, Alfred Attard

issottometta illi d-digriet tat-18 ta' Settembru, 1989, kien jikser id-dritt fundamentali tiegħu kontemplat fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet umani għaliex ġie mċaħħad minn mezz adegwat għad-difiża tiegħu u l-verità, u għalhekk minn *"a fair trial"*;

Fil-**21 ta' Frar, 1991**, dik l-istess Qorti allura rriferiet il-kwistjoni lill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla u din l-aħħar Qorti, b'sentenza ta' l-**10 ta' Mejju, 1991** iddikjarat irritwali r-riferenza lilha magħmula. Din id-deċiżjoni għaddiet in ġudikat;

(d) Fis-**17 ta' Lulju, 1991**, Alfred Attard talab ir-revoka "*contrario impero*" tad-digriet tat-18 ta' Settembru, 1989, u ssottometta li jekk din it-talba tiġi miċħuda allura huwa kien qed jerġa' jissolleva l-kwistjoni kostituzzjonali u l-Qorti kellha tirreferi l-istess lill-Qorti Ċivili Prim'Awla;

(e) B'digriet tal-**31 ta' Lulju, 1991** il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ċaħdet it-talba għar-revoka tad-digriet tat-18 ta' Settembru, 1989, u rrifjutat ir-riferenza kostituzzjonali għaliex ikkunsidrat il-kwistjoni frivola u vessatorja;

Fit-**23 ta' Ottubru, 1991**, Alfred Attard ipproċeda bil-preżenti rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u talab lil dik il-Qorti biex:

"... tagħmel dawk l-ordnijiet, tagħti dawk il-provvedimenti, tordna inoltre l-kanċellement ta' kull digriet fejn saret iċ-ċaħda ta' l-esponenti li jsir eżami komparattiv tad-demm tiegħu mal-kampjuni li nstabu u li qed jiġu allegati li huma tiegħu peress li tali ċaħda tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja

... u inoltre trodna illi jsiru l-istess eżamijiet, tiġi akkwiżita din il-prova li hija prova ta' innoċenza assoluta ta' l-imputat appellanti u hekk tiġi amministrata ġustizzja'';

Fis-**27 ta' Jannar, 1992** dik il-Qorti ddeċidiet ir-rikors, billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat, illi r-rikors huwa irritu u null għaliex l-istess lanjanza kienet ġiet iddikjarata frivola u vessatorja mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u qalet:

''Illi l-artikolu 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987 jipprovdi li jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew *il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta'* xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;

Illi l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 fis-subinċiż (1) jagħti wkoll il-fakoltà lil kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi, miksur, li jadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal kull rimedju meħtieġ;

Il-Qorti tosserva li l-kwalifika li t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx frivola u vessatorja saret limitatament għall-każi li jkunu ser jiġu riferiti minn Qorti oħra lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. U hekk għandu jkun għax fil-każi msemmija fis-subinċiż (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att imsemmi qatt ma jista' jkun hemm pronunzjament ta' *Qorti oħra qabel ma jkunu ttieħdu l-proċeduri* hemm indikati;

Illi l-sentenza fil-każ ta' Coreschi għamlet enfażi kbira fuq din id-distinzjoni u waslet għall-konklużjoni li l-leġislatur ta opportunità lill-parti leża li tipproċedi skond is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 4 kemm-il darba jkun prekluż milli jottieni rimedju quddiem il-Prim'Awla taħt is-subinċiż (3) ta' l-istess artikolu;

Din il-Qorti però hi ta' l-opinjoni li l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 qiegħed jagħmel distinzjoni netta bejn dawk il-proċeduri kostituzzjonali li jittieħdu barra mill-ambitu ta' proċeduri oħra u dawk il-proċeduri li jiġu riferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minn Qorti oħra li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem. Fl-ewwel ipoteżi kull persuna hija libera tistitwixxi dawk il-proċeduri li jidhrilha xieraq. Fit-tieni ipoteżi jistgħu jiġu riferiti biss dawk il-kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali li jqumu quddiem qorti oħra li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, kemm-il darba dawn ma jkunux dikjarati frivoli jew vessatorji. Għalhekk kemm-il darba, waqt proċeduri pendenti quddiem Qorti oħra jkun hemm dikjarazzjoni li l-kwistjoni li tkun tqajment tkun frivola jew vessatorja, ma jkunx hemm rimedju skond l-istess artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987. Interpretazzjoni oħra ma tagħmilx sens billi l-liġi ma tistax minn banda tagħti l-poter lill-ewwel qorti li timblokka riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fl-istess nifs tagħti l-fakoltà lil dik il-persuna fil-proċeduri li tiskarta kompletament dik id-deċiżjoni billi tressaq proċeduri quddiem il-Prim'Awla taħt is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 4;

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Alan Mifsud marret oltre billi ssottomettiet (*sic*) li jekk ir-rikors ma jiġix iddikjarat irritu u null, il-parti leża tkun qed tingħata l-opportunità ta' żewġ appelli u dan kontra s-sistema proċedurali tagħna'';

Alfred Attard appella għaliex deherlu li din hija deċiżjoni li segwiet is-sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Novembru, 1990 fl-ismijiet Alan Mifsud *et vs* L-Avukat Ġenerali *et* u din ta' l-aħħar hija "*rara avis*";

Mill-atti proċesswali sfortunatament, jidher biċ-ċar illi la r-rikorrent u lanqas, jiġi nnutat u sottolineat, l-intimat ma eżaminaw is-sentenzi ta' din il-Qorti fuq din il-materja ta' proċedura kostituzzjonali;

Din il-Qorti ma tistax ma tillamentax mil-leġġerezza fit-trattazzjoni. *Ir-rikorrent isemmi l-każijiet "Alan Mifsud"*, "Trundell", "Coreschi" u "Picco" biex suppost juri li m'hemmx ġurisprudenza kostanti fuq dan il-punt – dejjem biex jiġġustifika l-proċedura minnu addottata. Ippretenda li jagħmel il-prova ta' suppost konflitt jew inkonsistenza ta' din il-Qorti bejn dak li ġie deċiż fil-kawża Alan Mifsud tat-22 ta' Novembru, 1990, (295/90) ma' dak li suppost **ġara** (u mhux deċiż) fil-kawża "Trundell" (284/89) (li fiha ngħataw żewġ sentenzi fit-12 u fit-22 ta' April, 1991) u dan permezz ta' xhieda tar-Reġistratur u xi protagonisti bħal avukati, eċċetera – li naturalment il-Qorti ta' l-ewwel grad ma ppermettitlux. Però, xorta waħda, sfortunatament imppermettietlu li jesebixxi kopja ta' sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ ta' Trundell (284/89) tal-15 ta' Novembru, 1990, li tirriżulta assolutament irrilevanti għall-punt in kwistjoni – li sa mill-bidu nett kien dan – x'inhi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti fuq il-punt proċedurali sollevat?

Dan il-lament jolqot ukoll lill-Avukat Ġenerali – u dan għar-raġuni li la huwa u lanqas ir-rikorrent ma semmew sentenza

ta' din il-Qorti li fiha l-istess avukat tar-rikorrent kien l-avukat dottor Joseph Brincat, li huwa wkoll l-avukat li interpona l-preżenti appell, u l-Avukat Ġenerali kien qed jippatroċina lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Din hija l-kawża – **Nicholas Ellul *vs* Kummissarju tal-Pulizija – (327/91) deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 1991** u li fiha – wara li ġew eżaminati u kkummentati s-sentenzi:

(a) Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: – 7 ta' Jannar, 1965 – "Il-Pulizija *vs* Ġanni Camilleri *et*";

(b) Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 9 ta' Jannar, 1965 "Ġanni Camilleri *et vs* L-Onorevoli dottor Giorgio Borg Olivier *ne et*";

(ċ) Din il-Qorti – 11 ta' Jannar, 1989 – "Angelo Spagnol *vs* L-Onorevoli Prim Ministru *ne et*";

(d) Din il-Qorti – 21 ta' Lulju, 1989 – "Anthony Coreschi *vs* Kummissarju tal-Pulizija" (149/85);

(e) Din il-Qorti – 23 ta' Novembru, 1990 – "Alan Mifsud *et vs* L-Avukat Ġenerali *et*" (295/90);

din il-Qorti kkonkludiet hekk: –

"Dan kollu jista' jiġi rikapitolat, fil-qosor, kif ġej: –

(a) Kull meta f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, xi waħda

mill-partijiet jidhrilha li tirrikorri xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-parti tista': –

(i) tagħmel rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(ii) tqanqal il-kwistjoni quddiem *il-Qorti fejn ikunu* għaddejjin il-proċeduri u titlob lil dik il-Qorti biex tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(b) jekk u meta l-ewwel qorti tiċħad ir-riferenza għaliex il-kwistjoni mqanqla tirriżulta sempliċement frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrikorri għall-proċedura tar-Rikors sabiex, fuq l-istess meritu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-deċiżjoni li l-kwistjoni hija frivola u/jew vessatorja;

(ċ) l-ewwel *qorti* hija obbligata li tirrispetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, b'mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha għandha *tiġi riżoluta* mhux minn dik il-Qorti imma mill-organi li għandhom dik il-ġurisdizzjoni – ħlief meta dik l-ewwel qorti, tqis li l-kwistjoni sollevata hija sempliċement frivola u vessatorja'';

Ma jidhirx li hemm xi kwistjoni li ġiet ventilata f'din il-kawża preżenti, li ma ssibx risposta f'din il-kwotazzjoni, meħuda minn sentenza ppronunzjata minn din il-Qorti fit-**22 ta' Mejju, 1991**, jiġifieri **tmien xhur qabel** ma ngħatat is-sentenza appellata, u fit-tliet xhur li fihom ġie ittrattat ir-rikors quddiem l-ewwel qorti – ħadd mill-kontendenti ma deherlu li għandu jindika lill-istess qorti, is-sentenza ta' din il-Qorti, li tterminat

proċediment li fih iż-żewġ avukati tal-kontendenti, kienu ħadu parti u għalhekk suppost li kellhom konoxxenza tagħna:

Ma jidhirx għalhekk li l-appellant huwa b'xi mod ġustifikat fl-appell li interpona f'din il-kawża fuq il-pretiża li ma jafx x'inhi l-posizzjoni ġurisprudenzjali in materja. *Dal resto* – l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-istess konklużjonijiet ta' din il-Qorti fuq l-iskorta tas-sentenza li fuqha kkommentat l-istess sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet – dak li ġie **deċiż** mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'din il-kawża, fis-27 ta' Jannar, 1992 qed jiġi kkonfermat, l-appell miċħud – u billi din hija t-**tielet** deċiżjoni li tirritjeni li l-operat tar-rikorrent huwa frivolu u vessatorju huwa għandu jbati spejjeż doppji.